**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX**

**23 ta' Marzu, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**12.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

12.1.1 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-laqgħa li kellha ssir bejn is-sotto kumitat kultura u s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-laqgħa saret il-bieraħ u l-minuti tagħha ser jitressqu f'seduta oħra. Fil-qosor, il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma lill-Kunsill, li fil-laqgħa nforma lir-rappreżentanti tas-soċjeta', li hu jżomm lilu nnifsu responsabbli mill-kalendarju li għamel il-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-proposti li saru fil-laqgħa mis-sotto kumitat Kultura ser jitressqu fis-seduta li ser ikollha s-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM u wara l-Kunsill ikun infurmat bid-deċiżjoni.

12.1.2 Fir-rigward ta' punt 11.2.2 il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li marru 22 persuna jagħtu d-demm, fl-attivita' li organizzaw il-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Hi nfurmat ukoll li ż-żgħażagħ għamlu s-sandwiches għal dawk li attendew.

12.1.3 Fir-rigward ta' punt 11.4.2 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat mill-persuna li riedet li tipparkja quddiem ix-xatba tal-għalqa tagħha fi Triq il-Wied u talbietu biex jerġa jressaq il-każ.
Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Transport Malta fuq din it-talba u jekk tiġi approvata ssir u jekk le l-Kunsill jinforma lill-bidwi li lanqas TM ma approva t-talba tiegħu.

12.1.4 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fir-rigward ta' punt 11.4.5, dan l-aħħar qed jerġa jkun hemm il-wardens wara l-mina ta' Ħal Kirkop, jagħtu ċ-ċitazzjonijiet lill-dawk li ma jixgħelux id-dwal taħt il-mina.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li tinkiteb email lill-Transport Malta biex isiru boards elettroniċi kif qed jitwaħħlu dan l-aħħar, li jindikaw biex tixgħel id-dawl taħt il-mina. Jekk dawn il-boards ma jistgħux isiru, għandhom isiru tabelli aktar viżibbli minn dawk eżistenti biex is-sewwieqa tiġbdilhom l-attenzjoni.
Kien hemm qbil fuq dan.

12.1.5 Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta minn TM fuq it-talba ta' 'No parking' fi sqaq numru 1 fi Triq il-Kbira.
Kien hemm qbil li tintbagħat reminder.

12.1.6 Fir-rigward ta' punt 11.10.7 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk il-Kunsill jaqbel tista tinkiteb ittra lill-KMS biex il-pitch tal-boċċi f'Tal Bebbux jkun devolut lill-Kunsill, ħalli jibda jieħu ħsiebu.
Kien hemm qbil fuq dan.

12.1.7 Ġew approvati l-minuti tal-ħdax seduta.

***12.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ***

12.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa annwali li saret fis-17 ta' Far, 2016. **Dok 1.**

12.2.2 Ġew approvati l-minuti numru 22, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 22

ta' Marzu, 2016.

Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa x'kienet ir-raġuni li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ma jridx ikopli jħallas l-ammont tal-encrochment tal-art ta' Triq Fra Gan Marie Zammit. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li tali art kien ser jieħu ħsieb li jagħmel proġett fuqha l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, imma issa li qed isir xogħol ta' wiċċ ta' triq, mid-dipartiment tat-toroq, l-art imsemmija ser issir traffic island mill-istess dipartiment.

12.2.3 Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 11.

12.2.4 Is-Sur Kaydem Schembri qal li l-attivita' tal-għoti tad-demm kienet suċċess għax kien hemm ħafna konkorrenza speċjalment fil-ħinijiet tal-quddies.

12.2.5 Ġew approvati l-minuti numru tas-Sotto Kumitat Turiżmu u Kultura numri 6 u 7.

***12.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK***

12.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 30. Ma kienx hemm minuti tal-Gal Xlokk x'jiġu approvati.

***12.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU***

12.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM, fejn talbu risposta:

1. *għaliex il-Kunsill ma wieġibx formalment fuq l-iżball li sar fil-kalendarju li tqassam?*

   Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iwieġeb, li jaqbel mar-risposta li ta fuq is-suġġett, il-Kunsillier Joseph D'Amato li hu flimkien mal-membri tas-sotto kumitat kultura u turiżmu kienu nkarigati minn tali kalendarju.
2. *Għaliex fil-festa liturġika ta' Santa Katarina VM (il-25ta' Novembru), il-Kunsill Lokali naqas li jixgħel id-dawl tiegħu fil-għaxija hekk kif għamlu każini oħra.*

   Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iwieġeb li l-fustun tal-Kunsill jittella fil-festi tar-raħal u ma jittellgħax fil-festi liturġiċi.

12.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mis-Soċjeta' Mużikali Santa' Katarina VM, biex il-Kunsill jirranġa l-ħofor tal-arbli tal-festa li jintramaw fiż-żewġ festi fi Triq Dun Guzepp Zammit, Triq il-Kbira, Triq PP Saydon, Misraħ Repubblika u Misraħ Mattia Preti.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iwieġeb li manutenzjoni ta' tali ħofor għandha issir minn min jużhom.

12.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Lokali Ħal Safi li mhumiex lesti li jagħmlu rampa għal-persuni b'diżabilta' fejn iz-zebra crossing fi Triq Zurrieq Safi (viċin il-Mitħna tax-Xarolla) u jekk il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq irid li jagħmel ir-rampa hu, jista jagħmilha fil-konfini taż-Żurrieq.
Il-Kunsillier Dino Bonnici qabel li tali rampa issir mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.
Wara diskussjoni kien hemm qbil li r-rampa ma ssirx u r-resident li talabha jkun infurmat li din ma setgħetx issir mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq minħabba li bħalissa għaddej diżgwied bejn il-Kunsill Lokali Żurrieq u dak ta' Ħal Safi fuq il-konfini.
Kien hemm qbil li l-Kunsill ikompli jinsisti biex l-avukat jipproċedi kemm jista jkun malajr, fuq dan il-każ fil-qorti.

12.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mingħand resident li joqgħod fi Vjal il-Blue Grotto viċin il-ħwienet tat-take away. Dan ir-resident qed jitlob permess li jsiru bollards quddiem il-garaxx tiegħu, biex tonqoslu l-problema li għandu fuq parkeġġ/ostakolar tal-aċċess għall-garaxx. Dan qed jintalab wara diversi problemi li qed ikollu, fejn anke kellhom jintervjenu l-pulizija. Il-bollards lest li jagħmilhom hu personali. Qed jitlob ukoll jekk l-iskip li hemm fl-istess triq għandix il-permess tal-Kunsill.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lir-resident li l-Kunsill għamel li seta fuq il-post, billi żebgħah il-linji li kien hemm bżonn u ma jagħtix permess biex isiru l-bollards imsemmija.
Kien hemm qbil li fir-rigward tal-iskip, is-Sindku jagħmel laqgħa ma sid il-ħwienet imsemmija, biex jinħoloq kompromess fuq il-każ. L-appuntament għal din il-laqgħa jintbagħat lill-Kunsilliera kollha ħalli min ikun jista jattendi.

12.4.5 Is-Sindku nforma li l-familjari ta' Dr Raymond Sciberras offrew li jagħtu l-arblu tal-bandiera lill-Kunsill.

Kien hemm qbil li qabel jittella fuq il-bejt issir manutenzjoni fuqu. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ser jagħti l-għajnuna tiegħu fuq il-manutenzjoni.

12.4.6 Il-Kunsillier David Abdilla ressaq lista ta' oġġetti tal-ħġieġ, bi prezzijiet varji, biex isevru ta' souviner għal meta l-Kunsill ikollu bżonn jagħti tifkira.

Kien hemm qbil li jinxtraw 50 arloġġ bl-emblema taż-Żurrieq għal prezz ta' 885Euro inklużi bil-VAT. Dawn għandhom ikunu nnumerati u ssir lista ta' dawk il-persuni li jkunu ngħatawlhom.

12.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Transport Malta approvat iż-żieda tal-ħin tal-un/loading f'Misraħ Repubblika għal 15 –il minuta.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li din l-email ma bagħqitx tagħmel sens minħabba l-fatt li l-ħinijiet kienu ġew mibdula.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-Ministru kkonċernat fuq il-policy tat-timed parking.

12.4.8 Is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill ineħħi l-pjanti mejta minn pots li hemm fil-promenade tat-Triq tal-Wied.
Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tad-Dipartiment tax-xogħlijiet u jekk ma tiġix milqugħa t-talba tal-Kunsill, dawn għandhom jintlew bil-konkos.

12.4.9 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Perit Jorge Spiteri li qed jaħdem fuq it-twessieh ta' Vjal ix-Xarolla, fejn ġie nfurmat li x-xogħol ser jibda, kif jispiċċaw il-festi tar-raħal. Hu ġie nfurmat ukoll li ser issir laqgħha mal-Kunsill u mar-residenti biex jintwerew il-pjanti tal-proġett u jżommu lir-residenti nfurmati.

F'dan il-ħin daħal il-kunsillier Jean Pierre Attard (18:30)

12.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba li saret mill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart bieb bieb, biex it-toroq – Triq il-Qroll, Triq San Pietru u Triq il-Ħaddiema jkunu 'No parking' fuq naħa waħda bejn it-8:00 u l-10:00, biex ikun jista jgħaddi bl-iscammel mingħajr ma jkun ostakolat.
Wara diskussjoni kien hemm qbil li jintalab il-permess ta' Transport Malta fuq il-każ.

12.4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni li tammonta għal €950+Vat fuq narrazzjoni bit-taljan tal-video 'A walk through the Ages', mingħand l-istess kumpanija li

għamlet ix-xogħol bil-lingwa ingliża.
Kien hemm qbil li x-xogħol ikun ordnat.

*12.5* ***Laqgħa mal-Arċipriet u Viċi Arċipriet***

12.5.1 Is-Sindki f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq laqa' lir-Rev. Arċipriet Dun Karm Mercieca u lill-Viċi Arċipriet Dun Raymond Cassar fis-seduta tal-Kunsill.
Is-Sindku ntroduċa lill-Kunsilliera mal-Arċipriet il-ġdid u tah il-pubblikazzjonijiet kollha li ħareġ il-Kunsill matul iż-żmien.
Is-Sindku faħħar din il-laqgħa pożittiva bejn il-Kunsill u l-kap tal-Knisja fiż-Żurrieq.

F'dan il-punt il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta (il-ħin 19:50)

***12.6*** ***Laqgħa mas-Sur Raymond Schembri – Attivita' fil-Ġnien tal-Ġibjun***

12.6.1 Is-Sindku laqa' lis-Sur Raymond Schembri fis-seduta biex jispjega l-attivita li jixtieq jorganizza.

Is-Sur Schembri qal li jixtieq jorganizza attivita tat-tajr fil-ġnien tal-Ġibjun, fl-okkażjoni tal-Imnarja li ser issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju, 2016. Hu qal li jixtieq li jaqqad lill-Kunsill, lill-Knisja u każini tar-raħal biex flimkien itellgħu din l-attivita' u l-flus li jinġabru minn donazzjonijiet li ser iħallsu dawk li ser ikollhom tajra, jingħataw għal skop filantropiku.
Is-Sur Schembri talab li l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu fil-permessi meħtieġa, tqassim ta' informazzjoni lir-residenti żrieraq, canopy u ħajt għat-tajr.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jkun membru fil-kumitat li ser iwaqqaf is-Sur Schembri biex issir din l-attivita.

**12.7** **Approvazzjoni:Xogġlijiet u Servizzi**

12.7.1 Is-Sindku qal li ġaladarba t-tabib Raymond Sciberras miet, l-parkeġġ riservat għalih jista jitneħħa.
Kien hemm qbil fuq dan.

12.7.2 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li ġiet avviċinata minn Fr Martin – id-Direttur tad-Dar tal-Providenza, fejn infurmha li fi Triq it-Tin, fiż-Żurrieq ser tinfetaħ dar żgħir għal-persuni b'diżabilita'. Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li l-Kunsill ser ikun infurmat uffiċċjalment li d-dar ser tinfetaħ fit-8 ta' April.

12.7.3 Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li residenti fi Triq il-Kbira qed jinqabdu mis-CCTV ta' Misraħ Repubblika, filwaqt li dawk li qed jipparkjaw ħażin fil-Misraħ mhux qed jinqabdu. Kien hemm qbil li jkun irrappurtat dan il-każ.

12.7.4 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq x'ser jiġri mix-xogħol fuq il-funtana ta' Vjal il-Blue Grotto. Is-Sindku qal li ser jiprova jġib il-proġett tal-funtana, mal-proġett ta' Vjal ix-Xarolla, peress li l-ewwel prijorita' tal-Kunsill, hi li jsiru t-toroq bit-tarmak li kien hemm qbil li jsiru.

12.7.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-MTA fejn ikunu miktuba f'kuntratt ir-responsabbilitajiet tal-Kunsill u tal-MTA fuq il-ġnien tal-Ġibjun.
Kien hemm qbil fuq dan.

12.7.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġie avviċinat minn resident fi Triq Peres D'Allecio fejn qed jitlob li ssirlu drop kerb quddiem il-garaxx tiegħu. Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li ser jieħu lill-kuntrattur ikkonċernat fuq il-post.

## *12.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

12.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€39,931.42**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard.

## *12.9 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20ta' April, 2016 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta’ April, 2016.

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |